MINUTI

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

It-Tnejn 6 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq Nofs in-nhar, Valletta, fis-18.00hrs.

**PREŻENTI:**

Prof Alexiei Dingli – Sindku
Christian Micallef – Viċi Sindku
Vincent Fabri – Kunsillier
Mario Camenzuli – Kunsillier
Raymond Azzopardi – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Dr Norman Shaw – Minority Leader
Vincent Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ippresjeda l-laqgħa.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Dr Norman Shaw kien ma jiflahx
Vincent Farrugia kellu appuntament l-isptar.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 58 kienu kkonfermati.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ssospenda l-laqgħa biex l-accountant jkun jista jagħti rendikont ta' l-aġġustamenti li bgħatu l-awdituri.

Is-Sinkdu nforma li kien bgħat kommunikazzjoni l-Awditur Generali minħabba li l-awdituri kienu qed idumu biex jagħtu lura l-audited accounts, u kien wara dan l-intervent li ntbgħatu lil kunsill.

l-Accountant nforma lill-kunsillieri preżenti bl-aġġustamenti li talbu l-awdituri u darhom kollha. L-lista ma kienet twila.

L-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar kemm dejn kellu l-kunsill fl-aħħar ta' l-2015. L-Accountant nforma li l-Kunsill spiċċa f'surplus ta' €14,609. Id-Dejn huwa dak ta' €755,411.00. l-Accountant nforma li fl-2016, dejn naqas u fl-2017 kompla jonqos.

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi kjarifika oħra li jixtiequ l-kunsillieri u kullħadd idikjara li fehem kollox.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li japprova l-aġġustamenti tal-Financial Statements.

59.3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli informa lil-Kunsill dwar l-permessi tal-PA tal-bankini. Saret konsultazzjoni mal-KNPD u hemm l-clearance għalhekk ser isir l-kuntratt mal-PA għal fondi u meta jsir dan tinħareġ tender biex jibdew ix-xogħolijiet.

59.3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar Kumitat li qed jattendi – Coordination Committee for Sustainable Urban Development. L-Kunsilliera ntalbu jibghatu il-vizjoni taghhom ghal-Belt u dan wassal ghal rapport.

59.3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li saret laqgħa dwar ċ-ċelebrazzjonijiet ta' ftuħ tal-V18 Marcia Grima regional coordinator tal-V18 għandha tagħti aktar informazzjoni lil-kunsillieri. Kien hemm qbil dwar dan.

59.3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saret laqgħa fl-uffiċċju ta' l-Onor Silvio Parnis biex tissolva l-problema tal-wardens pero għadu ma sar l-ebda kambjament.

59.3.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-laqgħa tas-Sindku li ser issir bejn 15 u 16 ta' Diċembru 2017.

## 59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

59.4.1 l-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li għandha ssir bollard gdida fi sqaq Toni Bajjada. Barra min hekk għandhom jingħataw ċavetta r-residenti tat-Triq.

59.4.2 l-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar s-sensor li qed isiru min CVA TECHNOLOGY ltd.

59.4.3 L-Kunsillier Vincent Fabri norma dwar l-platform ta' Margot Restaurant. L-Kunsill nforma li ma jaqbilx ma din l-platform u qatt ma qabel magħha.

## 59.5 Rapporti

59.6.1 Nil

## 59.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

59.6.1 l-Kunsill irċieva ittra mingħand Red Cross biex issir l-MC Bays

59.6.2 Il-Kunsill irċieva email dwar l-konferenza tal-Commonwealth. L-Kunsill ipparteċipa f'din l-konferenza. l-kunsill qabel dwar dan.

59.6.3 Il-Kunsill irċieva ittra m'għand Transport Malta dwar Crashbarrier. L-kunsill qabel li aħjar jekk ssir speedcamera.

59.6.4 Il-Kunsill irċieva email m'għand AKL dwar konferenza tal-commonwealth local government young leaders.

59.6.5 l-Kunsill irċieva ittra m'għand ALK biex jinforma dwar riċeviment li ser isir għal kunsillieri.

59.6.6 l-Kunsill irċieva ċirkolari mid-Dipartiment dwar twettiq ta'progetti utli ghall kommunita'.

## 59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

59.7.1 Nil

## 59.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 59.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

59.9.1 Ottubru 2017

## 59.10 Mozzjonijiet

59.10.1 Nil

## 59.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.11.1 Il-laqgħa intemmet 7.30pm u ġiet aġġornata għad-19 ta' Diċembru 2017 fis-18.00pm

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru 2017

IFFIRMATA

Prof Alexiei Dingli
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv